**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru, 2017

Rikors Nru : 391/17 AL

**AB**
**VS**
**CBD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

I. Illi l-esponenti u l-intimata izzewwgu fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) – Dok. A

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' X fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011)

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment b'mod konsenswali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tletin (30) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) fl-atti tan-nutar Dr Maria Briffa (Dockument B)

4. Illi l-esponenti u l-intimata qablu illi jirrinunzjaw reciprokament mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin skond klawsola 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni.

5. Illi l-esponenti ihallas manteniment a favur bintu minuri Leah ta' mitejn u hamsin ewro (Euro 250) fix-xahar, skond klawsola 4d, liema manteniment dejjem jithallas fil-hin.

6. Illi l-esponenti kien hareg mid-dar matrimonjali f'Settembru 2013.

Talab għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

I. Tiddikjara xolt iz-zwieg ikkuntrattat fl-4 ta' Dicembru 2009 bejn il-partijiet;

II. Tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna tad-dikjarazzjoni tax-xoljiment taz-zwieg taghhom fl-att taz-zwieg relattiv;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru, 2017;

Semghet lill-intimata tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Ottubru, 2014 u de facto separati minn Settembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.